MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Numru. 390/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Giuseppe Bondin

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Giuseppe Bondin ta' 53 sena, bin Giovanni u Vincenza nee' Scicluna, imwieled Zejtun fl-1 ta' Novembru, 1953, residenti fi Block G, Flat 5, Qasam ta' Ganza, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 771953(M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'xi perjodu bejn April, 2006 u Mejju, 2006, xjentament

ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;

Kif ukoll talli l-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti kienet gentilement mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemlat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 9 ta’ April, 2007 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-20 ta’ Lulju, 2007 ai termini ta’ l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-20 ta’ Lulju, 2007 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat l-fedina penali kwazi netta ta' l-imputat, il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-eta' avvanzata ta' l-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------